MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 379/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Carmela D'Amato, bint Paul u Giuseppa nee` Schembri imwielda f'15.10.1963 u li toqghod, 7, Rokku, Flt 1, Triq il-Munqar, Zurrieq ID: 0570863M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata talli: f'Novembru 2012 u/jew fix-xhur ta' qabel jew fix-xhur ta' wara din id-data, minn gewwa residenza sitwata 98, St. Joseph Flt 1, Triq it-Tabib Nikola Zammit, Siggiewi, ikkommettiet sert qa' gojjellerija kulur id-deheb liema serq huwa aggravat bil-lok u bil-valur li jabez l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu

(2,329.37) ghad-detriment ta’ Antonio Tonna u/jew persuni ohra.

Finalment akkuzat talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi: irrendiet ruhha recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li hija giet misjuba hatja permezz ta’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda ser tigi liberata mill-akkuza tar-recidiva billi fis-sentenzi moghtija ma nghatat l-ebda kundanna izda gie applikat l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fatt illi l-imputata qed thallas id-danni kagjonati minnha.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(e), 269(g) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputata mill-akkuza tar-recidiva issibha hatja tal-kumplament izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu

446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kundizzjonata.

Wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tikkundanna lil hatja thallas lil Antonio Tonna s-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------